# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1285/00**

**Numru 33**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Mario u Carmen mizzewgin Borg**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u sbatax-il Lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm717.83) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenuti mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 22 ta' Marzu 2000 (Dok "B") u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid li gew prezentati mal-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti minn fol 2 sa 4 tal-atti u markati Dok A u Dok B.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-28 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm717.83.0 bl-imghax ulterjuri legali mill-ewwel (1) ta' April 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu 2000 u tal-mandati ta' sekwestru u qbid kawtelatorju tat-18 ta' Settembru 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg